# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Ħmistax (15) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 895/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-Atti tal-ittra uffiċjali maħruġa a tenur tal- Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 244/2013 fl-ismijiet:**

**BNF Bank plc ġia' Banif Bank (Malta) plc C41030**

**Vs**

**Joseph Vassallo**
**(ID 160081M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Settembru 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    *Illi permezz tal-ittra uffiċjali fuq imsemmija, li saret eżekuttiva fis-16 ta' Settembru 2013, l-intimat Joseph Vassallo ġie kanonizzat debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' sittax-il elf, seba' mija, wieħed u tmenin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€16,781.17), oltre charges u fees Bankarji, imgħaxijiet u spejjeż;*

    *Illi d-dejn tal-intimat għad ma ġiex saldat;*

> *Illi peress li għaddew aktar minn ħames snin mill-ġurnata li fiha l-kumpannija esponenti kienet f'pożizzjoni li teżegwixxi dan it-titolu, u kif ukoll stante li għad fadal ammont dovut, il-kumpannija esponenti qiegħda tintavola dan l-umli rikors ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Għaldaqstant, l-kumpannija esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna li t-titolu tagħha kontra l-intimat, jiġi mġedded sabiex hi tkun f'pożizzjoni li teżegwixxi l-istess titolu u toħroġ il-mandati eżekuttivi opportuni kontrih u kull Att ieħor relevanti ħalli jitħallas il-bilanċ dovut ilha u dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

2. Rat illi l-intimat ġie notifikat bl-affissjoni fil-Kunsill Lokali u l-Għassa ta' Sliema fl-10 ta' Mejju 2020 u fil-Gazzetta tal-Gvern tat-20 ta' Marzu 2020 u fil-gazzetta lokali The Malta Independent tat-8 ta' April 2020.

3. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2020, il-konvenut mgħajjat diversi drabi ma deherx.

4. Rat illi l-kontenut tar-rikors ġie kkonfermat minn Luke Bonello, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, kif trid il-Liġi.

Għalhekk, il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta.

**Bl-ispejjeż** kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**